Provinċja Agostinjana
ta' San Mark



# Infittxu
# lil Alla flimkien

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2017

© Drittijiet tal-edizzjoni:
Provinċja Agostinjana ta’ San Mark Malta

Issettjat u stampat fil-Best Print, il-Qrendi, Malta.



Il-Verġni Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb
Arrigo Reno, 1755, Knisja San Mark,
Agostinjani, ir-Rabat

# WERREJ


Kantiku ta’ Żakkarija (Lq 1:68-79) ........ 2

Bidu tal-Atti Komuni fejn hemm
is-Sagrament Imqaddes ........ 3

L-Angelus ........ 5

Regina Coeli ........ 6

Salmi għas-Sejħa għat-Tifħir ’l Alla ........ 6

Lilek, O Alla, Infaħħru (Te Deum) ........ 10

Salmi u Kantiku tal-Ħadd
Tal-I Ġimgħa – It-Tifħir Ta’ Sbiħ Il-Jum ........ 12

Talb għall-Ordni tal-Aħwa ta’ Santu Wistin
u għall-Benefatturi ........ 16

Ante Oculos ........ 24

Ave Virgo Mater ........ 26

Talbiet tal-Vokazzjonijiet ........ 28

Talb li jista’ jsir għall-Familja Agostinjana
u għall-Benefatturi
waqt il-Liturġija tas-Sigħat ........ 34

Talb li għandu jsir fl-Ordni
fi Żmien Kapitlu Ġenerali ........ 44

Talb li għandu jsir fl-Ordni
fi Żmien Kapitlu Provinċjali ........ 45

Sekwenza tal-Ispirtu s-Santu ........ 47

Talb f’ġieħ l-Imqaddsa Verġni Marija
Ave Regina Coelorum ........ 49

Fi Tmiem l-Atti Komuni ........ 50

Kantiku ta’ Marija (Lq 1:46-55) ........ 51

## KANTIKU TA’ ŻAKKARIJA (Lq 1:68-79)

Imbierek il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, *
    għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta’ salvazzjoni *
    f’dar David, qaddej tiegħu,

bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
    b’fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
    u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.

B’hekk juri ħniena ma’ missirijietna, *
    u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
    li jagħtina

li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
    naqduh bla biża’
tul ħajjitna kollha, *
    bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-Għoli; *
    għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
    bil-maħfra ta’ dnubiethom,

ħierġa mill-qalb ħanina ta’ Alla tagħna, *
    li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx
    tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u
    d-dell tal-mewt, *
    ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja...

## BIDU TAL-ATTI KOMUNI FEJN HEMM IS-SAGRAMENT IMQADDES

(† = *il-Pirjol*, * = *il-komunità*)

1)
† O Mejda mqaddsa
* li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, issir it-tifkira tal-Passjoni tiegħu, ir-ruħ timtela bil-grazzja u lilna jingħatalna rahan tal-ħajja ta' dejjem.

† Bgħattilhom il-ħobż mis-sema.
* U dan għandu fih kull ħlewwa.

† Nitolbu.
O Alla, int li f'dan is-sagrament tal-għaġeb ħallejtilna t-tifkira tal-passjoni tiegħek, agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek, hekk li nħossu fina bla heda dak li rebħitilna l-fidwa tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
* Ammen.

*Jew*

† Nitolbu.
O Alla, il-ħobż li tagħtina hu l-Ġisem ta' Kristu għall-ħajja tad-dinja; il-Kalċi tad-Demm hu l-patt tiegħek għas-salvazzjoni tagħna. Agħtina li nqimu lil Kristu f'dan il-misteru qaddis, u nagħtuh ġieħ b'ħajja għall-qadi tas-Saltna. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.
* Ammen.

2)

† L-ikla tal-Mulej

* Hi l-għaqda tal-Ġisem ta' Kristu kif muri lilna fis-sagrament tal-altar u fir-rabta tas-sliem.[1]

† Nitolbu.

O Alla l-Għoli, li fi Kristu s-Salvatur tagħna berikt il-ġnus minn nisel għal nisel, u bih tagħtina l-għajxien bil-kotra, għallimna nibnu l-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja, waqt li naqsmu mal-oħrajn id-doni tat-tjieba tiegħek.

Bi Kristu Sidna.

* Ammen.

3) *Fi żmien il-Għid*

† O misteru ta' tjieba

* O sinjal ta' għaqda, o rabta ta' mħabba!

Min irid jgħix, jaf fejn isib il-għajn tal-ħajja.

Ha jersaq, jemmen u jieħu sehem mill-ġisem ta' Kristu, u jikseb l-għajxien.[2]

† Nitolbu.

O Alla, li fil-misteru tal-Għid tal-Iben il-waħdieni tiegħek wettaqt il-ħidma tal-fidwa tal-bniedem, agħtina nitolbuk, li dan il-misteru tat-tjubija jkun għalina sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba.

Bi Kristu Sidna.

* Ammen.

---

[1] Ittra 185, 6, 24.

[2] ara Kummentarju fuq l-Evanġelju ta' S. Ġwann 26, 13.

## L-ANGELUS

V. L-anġlu tal-Mulej ħabbar lil Marija.
R. U hija saret omm mill-Ispirtu s-Santu.
*Sliem għalik...*

V. Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej.
R. Ikun minni skont kelmtek.
*Sliem għalik...*

V. U l-Iben ta' Alla sar bniedem.
R. U għammar fostna.
*Sliem għalik...*

V. Itlob għalina qaddisa Omm Alla;
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

† Nitolbu.
Xerred, nitolbuk, Mulej, fi qlubna l-grazzja tiegħek, biex aħna li bit-tħabbira tal-Anġlu għarafna li Kristu Ibnek sar bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu naslu għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

## REGINA COELI

† Sultana tas-sema, ifraħ, hallelujah;
* għax dak li stħaqqlek tkun ommu, hallelujah;
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah;
Itlob 'l Alla għalina, hallelujah.

V. Ifraħ u thenna, Verġni Marija, hallelujah.
R. Għax il-Mulej qam tassew minn bejn l-imwiet, hallelujah.

† Nitolbu.
O Alla, bil-qawmien mill-imwiet ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna, għoġbok tferraħ id-dinja; agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni Marija, niksbu l-ferħ tal-ħajja ta' dejjem.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

## SALMI GĦAS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

### Salm 94 (95)

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ
lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajjat ta' ferħ. *Ant.*

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.

F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret. *Ant.*

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu
u n-nagħaġ tiegħu. *Ant.*

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt. *Ant.*

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!" *Ant.*

## Salm 23(24)

Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha,
id-dinja u kull ma jgħix fiha.
Għax hu fuq l-ibħra waqqafha,
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha. *Ant.*

Min jista’ jitla’ fuq l-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
Min għandu jdejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa,
u anqas ma jaħlef bil-qerq.
Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.
Dan hu n-nisel ta’ dawk li jfittxuh;
li jfittxu ’l wiċċek, Alla ta’ Ġakobb. *Ant.*

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta’ dejjem,
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!
Min hu dan is-Sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej setgħan u qawwi,
il-Mulej qawwi fit-taqbida. *Ant.*

Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta’ dejjem,
ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!
Min hu dan is-Sultan tal-glorja?
Hu l-Mulej tal-eżerċti:
dan hu s-Sultan tal-glorja! *Ant.*

## Salm 66 (67)

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta’ wiċċu!
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. *Ant.*

Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.

Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom. *Ant.*

Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
L-art tat il-frott tagħha;
iberikna Alla, Alla tagħna!
Iberikna Alla, u tibża' minnu l-art kollha
minn tarf għall-ieħor! *Ant.*

## Salm 99 (100)

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha tal-art,
aqdu bil-ferħ lill-Mulej,
idħlu quddiemu b'għana ferrieħi. *Ant.*

Kunu afu li Jaħweh hu Alla,
hu ħalaqna, u aħna tiegħu,
aħna l-poplu tiegħu
u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu. *Ant.*

Idħlu b'għana ta' ħajr mill-bibien tiegħu,
bit-tifħir fil-btieħi tat-tempju tiegħu;
roddulu ħajr u bierku ismu!
Għax twajjeb il-Mulej,
għal dejjem it-tjieba tiegħu;
minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu. *Ant.*

## LILEK, O ALLA, INFAĦĦRU (TE DEUM)

Lilek, o Alla, infaħħru:*
  lilek b'Mulej nistqarru.
Lilek Missier ta' dejjem,*
  id-dinja kollha tqimek.
Lilek l-anġli kollha, *
  lilek is-smewwiet u l-qawwiet kollha tagħhom.
Lilek il-kerubini u s-serafini *
  ixandruk bla heda:

Qaddis, * Qaddis, * Qaddis *
  il-Mulej Alla tal-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija *
  bil-kobor tas-sebħ tiegħek.
Lilek tfaħħar *
  il-ġemgħa glorjuża tal-Appostli.
Lilek ifaħħar *
  l-għadd sabiħ tal-Profeti.
Lilek ifaħħru *
  il-qtajja' tal-martri rebbieħa kollhom bjuda.
Mad-dinja kollha, *
  il-Knisja mqaddsa tistqarr fik:
il-Missier *
  ta' kobor bla qies;
l-Iben tiegħek miqjum, *
  veru u waħdieni;
l-Ispirtu s-Santu, *
  id-Difensur.

Kristu, *
  inti s-Sultan glorjuż.

Inti minn dejjem *
    Bin il-Missier.
Int, biex teħles lill-bniedem, *
    ma stmerrejtx tinżel f'ġuf ta' Verġni.
Int ħriġt rebbieħ fuq is-setgħa tal-mewt, *
    u ftaħt is-saltna tas-smewwiet għal min jemmen.
Int qiegħed fil-leminija ta' Alla, *
    fis-sebħ tal-Missier.

Aħna nemmnu *
    li int għad terġa' tiġi bħala mħallef.
Nitolbuk għalhekk li tgħin lill-qaddejja tiegħek, *
    li int fdejt b'demmek il-għażiż.
Agħmel li nissieħbu mal-qaddisin tiegħek *
    fil-glorja ta' dejjem.

[+] Salva lill-poplu tiegħek, Mulej, *
    bierek lill-wirt tiegħek.
Kun ir-ragħaj tagħhom, *
    erfagħhom għal dejjem.
Minn jum għall-ieħor *
    aħna nberkuk;
u nfaħħru ismek għal dejjem, *
    u għal dejjem ta' dejjem.
Agħmel, Mulej, li llum *
    inħarsu ruħna minn kull dnub.
Henn għalina, Mulej, *
    ħenn għalina.
Ha tkun fuqna, Mulej, it-tjieba tiegħek, *
    kif fik hi t-tama tagħna.
Fik, Mulej, jien nistkenn: *
    ma jkolli qatt għax ninfixel.

## SALMI U KANTIKU TAL-ĦADD
## TAL-I ĠIMGĦA – IT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM

### Salm 62 (63): 2-9

Alla, Alla tiegħi int; *
    lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik, †
    għalik imxennaq jiena, *
    bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.
Għalhekk ġejt narak
fit-tempju mqaddes tiegħek, *
    biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, *
    xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek.

Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha; *
    ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek.
Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela, *
    u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa,
meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar, *
    u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.
Għax int kont għajnuna għalija, *
    għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Miegħek tingħaqad ruħi, *
    int tweżinni bil-leminija tiegħek.

## Kantiku (Dan. 3:57-88, 56)

Bierku, għemejjel kollha tal-Mulej, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, anġli tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku, smewwiet, il-Mulej.
Bierku, ilmijiet kollha ta' fuq is-sema, il-Mulej; *
bierku, setgħat kollha, il-Mulej.
Bierku, xemx u qamar, il-Mulej; *
bierku, kwiekeb tas-sema, il-Mulej.

Bierku, xita u nida kollha, il-Mulej; *
bierku, irjieħ kollha, il-Mulej.
Bierku, nar u sħana, il-Mulej; *
bierku, bard u ksieħ, il-Mulej.
Bierku, nida u borra, il-Mulej; *
bierku, silġ u bard, il-Mulej.
Bierku, ġlata u silġ, il-Mulej; *
bierku, iljieli u ġranet, il-Mulej.
Bierku, dawl u dlam, il-Mulej; *
bierku, beraq u sħab, il-Mulej.

Ha tbierek l-art il-Mulej, *
ħa tfaħħru u tgħollih għal dejjem.
Bierku, muntanji u għoljiet, il-Mulej; *
bierku, kulma jinbet fl-art, il-Mulej.
Bierku, għejun, il-Mulej; *
bierku, ibħra u xmajjar, il-Mulej.
Bierku, ħut kbir u kull ma jżiġġ fl-ilma, il-Mulej; *
bierku, tjur kollha tal-ajru, il-Mulej.
Bierku, bhejjem u mrieħel kollha, il-Mulej; *
bierku, ulied il-bnedmin, il-Mulej.

Bierek, Iżrael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, qassisin tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku qaddejja tal-Mulej, il-Mulej.
Bierku, spirti u rwieħ tal-ġusti, il-Mulej; *
bierku, qaddisin u intom ta' qalb umli, il-Mulej.
Bierku, Ħananija, Għażarija u Misael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Inbierku l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; *
infaħħruh u ngħolluh għal dejjem.
Imbierek int, Mulej, fil-wisa' kollu tas-sema, *
ta' min jgħollik u jsebbħek fuq kollox għal dejjem.

*Fl-aħħar ta' dan il-kantiku l-**Glorja*** ma *tingħadx.*

## Salm 149

Għannu lill-Mulej għanja ġdida: *
    fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħu.
Ħa jifraħ Iżrael bil-Ħallieq tiegħu, *
    u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom.
Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu, *
    bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra!
Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, *
    u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.

Bil-glorja jithennew ħbiebu, *
    u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom!
It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom, *
    u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom,
biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus, *
    u jagħtu l-kastig lill-popli,
jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom, *
    bi rbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom,
jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom: *
    dan hu ġieħ għall-ħbieb tiegħu kollha.

## TALB GĦALL-ORDNI TAL-AĦWA TA' SANTU WISTIN U GĦALL-BENEFATTURI

*Dan il-formularju huwa adattat sabiex jintuża wara it-talba ta' nofs il-jum.* (*† = il-Pirjol, * = il-komunità*)

### IT-TNEJN

† Niftakru, ħuti, u nqiegħdu quddiem il-Mulej lil dawk li huma ħajjin u nqisuhom qrib tagħna, l-aktar l-aħwa irġiel u nisa tal-Ordni tagħna, il-ġenituri, qraba u benefatturi tal-Ordni Agostinjan.

Lettur: *Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin* (1:3-7)

Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom, u nitlob dejjem ferħan fit-talb tiegħi għalikom, minħabba s-sehem li intom ħadtu fix-xandir tal-Evanġelju mill-ewwel jiem sal-lum. Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-jum ta' Kristu Ġesù. Haġa sewwa li jiena naħseb hekk fikom ilkoll, għaliex jiena nġibkom f'qalbi, lilkom ilkoll li qsamtu miegħi l-grazzja li għandi.

*Mument qasir ta' riflessjoni fis-skiet*
*(għall-Ordni)*

† Nitolbu
Ġedded, Mulej, bid-dawl tal-Evanġelju ’l-Ordni ta’ Santu Wistin.
Seddaq ir-rabta ta’ mħabba bejn l-aħwa kollha,
flimkien mal-Papa N., il-Pirjol Ġenerali Fra N.
u l-Provinċjal tagħna Fra N.;
agħmel, li aħna dixxipli tiegħek, nistgħu nibqgħu sal-aħħar fl-għaqda tal-qalb u tar-ruħ,
bħala sinjal tas-sliem u ta’ għaqda
f’dinja mtertqa mill-ġlied u t-tilwim.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

## IT-TLIETA

† Nitolbu ħuti lill-Mulej għal dawk li telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi.

*Mument qasir ta' talb fis-skiet*

Lettur: *Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin* *(15:54-57)*

Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub. 'Inbegħlet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi ja Mewt, in-niggieża tiegħek?' In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-Liġi. Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

*Jew*

Lettur: *Qari mis-Solilokwji tar-ruħ ma' Alla* *(35)*

Meta niġi u noqgħod mal-Mulej, quddiem il-ħarsa tiegħek? O jum li dejjem tiddi, li ma taf bl-ebda għabex, jum li fih ix-xemx qatt ma tinżel u li fih nisma' l-leħen ta' tifħir, il-leħen tal-ferħ: Idħol fil-hena ta' Sidek, idħol fil-hena ta' dejjem, fid-dar tal-Mulej, Alla tiegħek.

*Mument qasir ta' riflessjoni fis-skiet*
(għall-mejtin tal-Ordni)

† Nitolbu
Mulej Alla tagħna, għajn bla taqta' ta' maħfra
u awtur tas-salvazzjoni;
fil-ħniena tiegħek isma' t-talb tagħna
u għat-talb tal-Imqaddsa Verġni Marija
u tal-Qaddisin kollha,
agħti lill-aħwa membri
tal-Provinċja u tal-Ordni tagħna,
lill-qrabatna, ħbiebna u benefatturi tagħna,
li għaddew minn din il-ħajja,
s-sehem fil-hena dejjiema tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

† Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.
* Id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom.
† Jistrieħu fis-sliem.
* Ammen.

## L-ERBGĦA

† Niftakru, ħuti, u nqiegħdu quddiem il-Mulej lil dawk li huma ħajjin u inqisuhom qrib tagħna, l-aktar l-aħwa irġiel u nisa tal-Ordni tagħna, il-ġenituri, qraba u benefatturi tal-Ordni Agostinjan.

† Nitolbu l-interċessjoni tal-qaddisin ħutna:

Lettur:

| | |
|---|---|
| Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb | itlob għalina |
| San Mark Evanġelista | itlob għalina |
| Santu Wistin, missierna | itlob għalina |
| Santa Monika | itlob għalina |
| San Nikola ta' Tolentino | itlob għalina |
| Santa Kjara ta' Montefalco | itlob għalina |
| Santa Rita ta' Cascia | itlob għalina |
| San Tumas minn Villanova | itlob għalina |
| San Alfons de Orozco | itlob għalina |
| San Ġwann Stone | itlob għalina |
| Qaddisin u Beati tal-Ordni tagħna | itolbu għalina |

*(għall-benefatturi)*

† Nitolbu
O Alla sbuħija bla tarf,
żomm l-Ordni Agostinjan fil-ħeġġa tal-fidi,
fil-fedeltà għas-sinjali taż-żminijiet
u fil-kuraġġ li jaċċetta l-isfidi tal-Evanġelju.
Iftaħ il-qalb tagħna għall-bżonnijiet tal-bnedmin,
l-aktar ta' dawk li magħna qasmu ġidhom, sabiex,
waqt li aħna naqsmu magħhom it-tbatijiet,

il-ferħ u t-tamiet, inkunu nistgħu inwasslulhom l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni
u nimxu l-quddiem flimkien fit-triq tas-saltna
fejn int tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.
* Ammen.

## IL-ĦAMIS

† Nitolbu, ħuti, lill-Mulej għal dawk li telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi.

Lettur: Mid-Diskorsi ta' Santu Wistin Missierna (252)

Meta jintemm it-taħbit tagħna f'din id-dinja, u nkunu wasalna fil-paċi, il-ħidma waħdanija tagħna tkun it-tifħir ta' Alla: hemm fuq ma nagħmlu xejn għajr intennu 'hallelujah'. Xi tfisser 'hallelujah'? Faħħru lil Alla. Ikollna il-milja tal-hallelujah mingħajr ebda xkiel fi tmiem iż-żmien ta' issa, meta jintemmu it-taħbit... Inkantaw kif l-aħjar nistgħu issa l-hallelujah, biex jistħoqqilna inkantaw bla waqfien hemm fuq fejn tkun l-ikel u x-xorb tagħna.

*Mument qasir ta' riflessjoni fis-skiet*

(għall-erwieħ tal-Ordni tagħna)

† Nitolbu
Tkun imbierek o Alla, Missier Sidna Ġesù Kristu
li fil-ħniena kbira tiegħek tajtna mill-ġdid it-tnissil
permezz tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt
għal tama ħajja, għal wirt li ma jitħassarx
u ma jintemmx.
Isma' t-talba li qed inressqulek
għall-għeżież tagħna
li ħallew din id-dinja:
iftaħ dirgħajk kollhom ħniena u

ilqagħhom fil-ġemgħa glorjuża ta’ Ġerusalemm tas-sema.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

† L-erwieħ ta’ ħutna mejtin u tal-mejtin kollha, għall-ħniena ta’ Alla, jistrieħu fis-sliem.
* Ammen.

## IL-ĠIMGHA
## ANTE OCULOS
*(Salm penitenzjali attribwit lil Santu Wistin missierna)*

† Taħt għajnejk, Mulej, ħtijietna nqiegħdu *
 * quddiemek inressqu l-ġrieħi tagħna.
Jekk naħsbu fil-ħażen li għamilna *
 nifhmu li inqas qed inbatu u wisq iżjed ħaqqna.
Kbar huma l-ħtijiet tagħna *
 u żgħira t-tbatija ħdejhom.
Il-piena ta' dnubietna fuqna tagħfas *
 imma l-qilla tad-dnub terġa' tegħlibna.
Id-dgħjufija tagħna bis-swat tiegħek tintrebaħ *
 imma l-ħażen tagħna m'hemmx li jissewwa.
Il-moħħ, marid, iċedi *
 imma rasna ma tirtabx.
Il-ħajja fl-uġigħ titniehed *
 imma tibqa' ma tagħmilx it-tajjeb.
Jekk int tistabar bina ma nsewwux ħajjitna *
 jekk issawwatna ma ndumux fis-sewwa.
Meta twiddibna nistqarru x'għamilna *
 wara li tkun żortna, ninsew il-biki tagħna.
Jekk idek tmidd fuqna, inwegħduk ħajja tajba *
 jekk is-sejf int twarrab, ma ntemmux il-wegħda.
Jekk issawwatna ngħajtulek biex tħenn *
 jekk taħfrilna nġagħluk terġa' ssawwat.
Harisna, Mulej, ħatjin, imma niedma *
 jekk int ma taħfirx bil-ħaqq kollu nintilfu.
Wettaq talbna bla ma nistħoqqu,
Missier li tista' kollox *
 inti li mix-xejn ħlaqt lilna li nitolbuk bi Kristu Sidna.
Ammen.

† La tħallasniex, Mulej, skont dnubietna.
* *tagħmilx ħaqq minna skont ħtijietna.*

† Nitolbu
Hares, Mulej, lejn din il-familja tiegħek,
li għaliha Ġesù Kristu Sidna
ma stmerrx jagħti ruħu f'idejn il-ħżiena
u jsofri t-tbatija ħarxa tas-salib.
Hu li miegħek jgħix u jsaltan
flimien mal-Ispirtu s-Santu
għal dejjem ta' dejjem.
* Ammen.

# IS-SIBT

## Ave Virgo Mater

*(Antifona Marjana, imsensla minn ħsibijiet Santu Wistin fuq Marija)*

† Sliem għalik, Verġni u Omm,
mimlija bil-grazzja u l-fidi,
* membru mill-isbaħ tal-Knisja ta’ Kristu,
minnek ġietna s-salvazzjoni tagħna, Kristu Sidna;
dan kien il-kobor tiegħek, o Verġni:
kont hienja li nissilt il-ġisem ta’ Kristu,
imma aktar hienja għax għożżejtu dejjem f’qalbek.

Insejħulek Omm tagħna,
għax aħna membri ta’ Kristu,
u int isseħibt mal-Imħabba hekk li
aħna stajna nitwieldu fil-Knisja
bħala fidili ta’ Kristu.

Bħalek, o Verġni umli,
agħmel li nwettqu r-rieda ta’ Alla.
F’idejk nintelqu llum: agħmel li nsawru
qalb waħda u ruħ waħda u nwettq
b’ġenerożità dejjem akbar l-ideal tal-Familja tagħna għas-servizz tal-aħwa kollha.
* Ammen.

† Itlob għalina qaddisa Omm Alla. (Ż.Għ. Hallelujah)
* Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu. (Ż.Għ. Hallelujah)

† Nitolbu
O Alla, int li fil-mixja tal-Knisja għamilt bħala sinjal
li jilma lill-Imqaddsa Verġni Marija,
għat-talb tagħha saħħaħ il-fidi tagħna
hekk li l-ebda xkiel ma jdawwarna
mit-triq li twassal għal għandek,
li int hena bla tmiem.
Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

# TALBIET TAL-VOKAZZJONIJIET

## Talba 1

O Alla Missier il-Ħniena, **li tipprovdi** l-ħsad f'waqtu, imla bil-grazzji tiegħek lil dawk li sejjaħt u għażilt biex ikunu ħaddiema fl-għalqa tiegħek, **ħarishom** u **qawwihom** matul ħajjithom kollha.

**Kompli iftaħ** il-qlub taż-żgħażagħ ħalli jkomplu jirriflettu r-rieda tiegħek f'ħajjithom, **qanqal fihom** l-imħabba u x-xewqa li jagħtu ħajjithom għall-qadi tal-oħrajn fi ħdan il-familja Agostinjana.

**Għallem** lill-bnedmin kollha jsegwu t-triq tagħhom fil-ħajja mmexxija mill-Kelma u l-Verità tiegħek u flimkien nitolbu t-talba li għallimna Sidna Ġesù Kristu... *Missierna...*

## Talba 2

Missier ħanin, int **sejjaħtli** għall-ħajja u mlejtni b'ħafna talenti u doni. Permezz tal-magħmudija, int **bgħattni** sabiex inkompli l-missjoni ta' Kristu billi naqsam l-imħabba tiegħi mal-oħrajn.

**Qawwini** ħalli ta' kuljum inwieġeb għas-sejħa li tagħmilli. **Għinni** biex inwettaq kulma tixtieq minni. **Dawwalni** biex inkun dawl fil-ħajja tal-oħrajn. **Mexxini** biex nagħżel it-triq tal-ħajja li int ħejjejt għalija.

**Iftaħ** il-qlub tal-bnedmin ħalli jisimgħu s-sejħa tiegħek, imliehom bl-Ispirtu Qaddis tiegħek u ħeġġiġhom **iweġbuk** sabiex jaqduk fil-familja Agostinjana.

**Erġa'** qanqal f'qalbi u fil-qalb tal-oħrajn ix-xewqa li nagħmlu d-dinja post aħjar billi naqduk bħala ministri fil-għalqa tiegħek u flimkien intennulek... *Missierna...*

## Talba 3

Missier int **issejħilna** b'isimna u tistaqsina biex nimxu warajk.

**Bierek** il-familja Agostinjana b'iktar vokazzjonijiet qaddisa u rgħajja ġenerużi mill-familji tagħna ħalli jaqduk fil-Knisja tiegħek.

**Iftħilna** moħħna u qalbna ħalli nsiru nafuk dejjem iktar billi nisimgħu s-sejħa tiegħek u ntennulek... *Missierna...*

## Talba 4

Alla Missierna. Agħmel li **s-sejħa tal-leħen tiegħek** tasal għand ħafna li jkunu lesti li jgħixu magħqudin miegħek.

**Ipprepara** l-qlub tagħhom bil-kelma tiegħek b'mod li jkunu lesti li jevanġelizzaw lil kulħadd u li **jieħdu ħsieb** il-ħsad kbir tiegħek.

Mulej, agħmel li dawk kollha li huma msejħin għall-ħajja Agostinjana, **jisimgħu** l-leħen tiegħek u li **jagħmlu** r-rieda tiegħek. *Missierna...*

## Talba 5

O Missier ħanin, aħna n-nagħaġ tiegħek, u int ir-Ragħaj tagħna.

Aħna x-xogħol ta' jdejk u tant aħna prezzjużi f'għajnejk Mulej, li bgħattilna lil Ibnek il-Waħdieni, Sidna Ġesù Kristu fid-dinja biex isalvana.

Mulej Ġesù int issejħilna biex **infejqu** l-qalb muġugħa, **nixxuttaw** id-demgħa ta' dawk li qegħdin jibku, **nagħtu t-tama** lil dawk li tilfu t-tama f'ħajjithom u **nferrħu** bl-imħabba tiegħek.

Aħna li aħna mgħammdin, u **ngħixu** s-sejħa tagħna billi **naqdu** lil xulxin, nitolbuk tgħinna Mulej biex inkomplu **nwieġbu** għal din is-sejħa.

Nitolbuk ukoll **tibqa' ssejjaħ** minn fostna nies ġenerużi li lesti jħallu kollox sabiex jimxu warajk aktar mill-qrib fi ħdan il-familja Agostinjana u jwasslu l-imħabba tiegħek ta' ragħaj li jaf jieħu ħsieb in-nagħaġ tiegħu.

Nitolbuk Mulej sabiex **tkun int ir-ragħaj tagħna**, u dak li tmexxina fil-ħajja. *Missierna...*

## Talba 6

O Alla Missierna, kollok imħabba u ħniena, int **tbierek** lill-poplu tiegħek kull ħin u kull mument tal-ħajja.

Nitolbuk biex tkompli **ssejjaħ** aktar aħwa li joffru ħajjithom għas-servizz tal-Evanġelju bi spirtu ta' mħabba u entużjażmu fi ħdan il-familja Agostinjana.

**Iftaħ** il-qlub ta' dawn ħutna ħalli jisimgħu l-leħen tiegħek fil-ħajja tagħhom.

**Agħtihom** id-don tal-intelliġenza biex jagħrfu aħjar l-istedina li tagħmlilhom biex jaqduk fil-Knisja.

**Agħtihom** il-kuraġġ li jwieġbu għas-sejħa tiegħek ħalli jkollhom l-ispirtu taż-żagħżugħ Samwel meta stqarr b'fedeltà, "Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'." *Missierna...*

## Talba 7

Ġesù Feddej tagħna, int li sejjaħt għal warajk lill-Appostli tiegħek u bgħatthom fid-dinja biex iwasslu l-bxara t-tajba lill-bnedmin kollha, **nissel** nitolbuk, fil-qlub ġenerużi taż-żgħażagħ tal-lum, **is-sejħa** ħalli **jgħixu** u **jaħdmu** aktar fost il-fidili u jwasslu l-kelma tiegħek qalb dawk li għadhom ma semgħux bik.

Agħmel, Mulej, li ħafna żgħażagħ ikunu lesti li jħallu kollox billi **jwieġbu** għas-sejħa tiegħek fi ħdan il-familja Agostinjana, u **għinhom** biex jibqgħu fidili sal-aħħar għas-sejħa tal-lspirtu tiegħek.

0 Alla, Missier, li tiegħek hi s-saltna, il-qawwa, u l-glorja għal dejjem, **ilqa'** bil-ħerqa t-talba li ibnek il-għażiż għallimna ngħidu billi ntennulek... *Missierna ...*

Madonna tal-Kunsill it-Tajjeb, Santu Wistin u Santa Monika, idħlu intom għalina biex ngħixu dejjem skont is-sejħa tagħna.

## TALB LI JISTA' JSIR GĦALL-FAMILJA AGOSTINJANA U GĦALL-BENEFATTURI WAQT IL-LITURĠIJA TAS-SIGĦAT

*(Mit-talb li ġej tista' tingħażel invokazzjoni – waħda għall-ħajjin fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u waħda għall-mejtin fil-Għasar.)*

### FIT-TIFHIR TA' SBIĦ IL-JUM
### Il-Ħadd

1. Int, Mulej, fawwart lill-Verġni Marija bil-grazzja tiegħek fil-waqt tal-inkarnazzjoni ta' Ibnek:
- Sawwab l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja u fuq il-Familja Agostinjana.

Jew

1. Int li tħobbna b'tjieba bla tarf:
- agħmel li l-ħidma tagħna kollha twassal għall-ġid komuni.

2. Int, Mulej, tajt lil Santu Wistin, missierna, u lil ħutna rġiel u nisa li jfittxuk fl-istudju u jsibuk fil-kontemplazzjoni:
- kattar fina x-xewqa li nfittxuk u uri ruħek lilna fl-għeġubijiet li dejjem twettaq fil-ħolqien tiegħek.

## FL-GĦASAR
## Il-Ħadd

1. Int, Mulej, it-triq, il-verità u l-ħajja:
- agħti lill-aħwa kollha d-don li jimxu warajk sabiex jilħqu l-milja tal-verità u l-ħajja.

2. Alla, għajn ta' maħfra u fidwa:
- agħti lil ħutna li waslu biex iħallu dan il-wied ta' dmugħ, is-sehem fil-ħajja ta' dejjem.

Jew

2. Għall-merti tal-passjoni u l-qawmien tiegħek:
- agħti lill-aħwa mejtin tal-Familja Agostinjana s-sliem mingħajr għabex.

## FIT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM
## It-Tnejn

1. Int, Mulej, tajtna bħala avukata tagħna lill-Imqaddsa Verġni Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb:
- għin lill-Papa, l-isqfijiet u s-superjuri tal-Ordni fil-ħidma tagħhom ta' mexxejja u rgħajja.

Jew

1. Kristu, xhud ħaj tal-imħabba vera:
- agħtina li nqiegħdu l-ġid komuni qabel kull ħaġa personali.

2. Għat-talb ta' Santa Monika, li bi dmugħha saħħet talbha għall-konverżjoni ta' binha:
- ħares fi mħabtek lil ġenituri, qraba, ħbieb u benefatturi tagħna.

**FL-GĦASAR**
**It-Tnejn**

1. Għat-talb ta' dawk kollha li tqaddsu permezz tat-tbatija:
- kun, Mulej, ma' dawk ħutna li qed ibatu fir-ruħ u l-ġisem.

2. O Alla, int tnebbaħ il-ħajja komuni:
- agħti lil ħutna reliġjużi u l-benefatturi tagħna li waslu qabilna għandek, id-don tal-għaqda sħiħa miegħek fis-sema.[3]

Jew

2. Int, Mulej, kollok ħniena lejn dawk li jsejħulek bil-fiduċja:
- sawwab il-maħfra tiegħek fuq qrabatna, ħbiebna u benefatturi li daħlu qabilna fid-dar tal-Missier.

---

[3] Cfr Belt ta' Alla, 19, 5.

## FIT-TIFHIR TA' SBIĦ IL-JUM
### It-Tlieta

1. Int, Mulej, kabbart l-isem tal-qaddej tiegħek San Nikola Tolentino, u tajtu fama ta' qdusija u għeġubijiet fil-Knisja:
- agħmel li l-aħwa kollha tal-Familja Agostinjana jagħtu xhieda ta' mħabbtek fid-dinja kollha.

Jew

1. Kristu, ħuġġieġa ta' mħabba:
- agħtina l-ħeġġa li ndewwu l-weġgħat li stajna għamilna lil ħutna.

2. Għat-talb tal-aħwa tal-Familja Agostinjana li laħqu l-qdusija:
- agħtina li nibqgħu sħaħ sal-aħħar fis-sejħa tagħna.

## FL-GĦASAR
### It-Tlieta

1. Int, Mulej, kollok mogħdrija u kotran fid-doni tiegħek:
- ħares lill-familjari tagħna, qrabatni, ħbiebna u benefatturi tagħna.

2. Spirtu ta' Alla li tagħti kull sliem:
- agħti lil ħutna mejtin is-sliem mingħajr għabex.

Jew

2. Mulej, li wegħedt il-ħajja ta' dejjem lil dawk li jħallu kollox biex jimxu warajk:
- nafdawlek lil ħutna tal-Familja Agostinjana li sejjaħt għal għandek.

## FIT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM
## L-Erbgħa

1. Int, Mulej, ħeġġiġt bl-imħabba lil ħutna Rita u Kjara:
- agħmel li ħutna ta' ħajja kontemplativa li jinsabu fil-qalb tal-Knisja, ikomplu jwasslu din l-imħabba lejn kull persuna sabiex tinfetaħ għalik fil-fidi u fit-tama.

Jew

1. Int li ġbartna flimkien u sejjaħtilna għall-għaqda qaddisa:
- agħmel li nkunu qalb waħda u ruħ waħda fil-mixja tagħna lejk.[4]

2. Bl-interċessjoni tal-aħwa tal-Familja Agostinjana li fit-talb u l-ħidma appostolika laħqu l-qdusija:
- seddaq ħidmet il-missjunarji u dawk kollha impenjati fix-xogħol pastorali.

[4] Cfr. Reg. 1, 3 u 8.

## FL-GĦASAR
## L-Erbgħa

1. Għat-talb tal-martri li kienu fidili lejk sat-tixrid ta' demmhom:
- dawwal u qawwi lil dawk li huma dgħajfa fil-fidi jew fil-fedeltà tas-sejħa reliġjuża u saċerdotali.

2. Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ:
- agħti lil ħutna reliġjużi mejtin sehem fil-hena tiegħek ta' dejjem.

Jew

2. Mulej, li tlajt is-sema sabiex tħejji post għall-qaddejja tiegħek:
- la tinsiex lil dawk li huma tiegħek bis-siġill tal-magħmudija u l-konsagrazzjoni reliġjuża.

## FIT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM
## Il-Ħamis

1. Int, Mulej, dewwaqt lil Wistin il-ħlewwa tal-imħabba tiegħek u tal-aħwa fil-ħajja komuni:
- saħħaħ lill-aħwa kollha tal-Familja Agostinjana f'dan l-ideal.

Jew

1. Kristu, li għallimtna kif nitolbu:
- agħmel li nixtarru f'qalbna dak li l-fommna jlissen.[5]

2. Għat-talb tal-qaddisin Tumas minn Villanova, Ġwanni minn Sahagun u Eżekjel Moreno, li taw ħajjithom għas-salvazzjoni tal-erwieħ:
- nebbaħ il-qalb taż-żgħażagħ bix-xewqa li jaqduk.

## FL-GĦASAR
## Il-Ħamis

1. Mulej, li għadirt lill-fqar u l-imwarbin:
- inqiegħdu quddiemek lil ħutna li jinsabu f'diffikultà.

2. Int li smajt it-talba tal-ħalliel it-tajjeb:
- agħti lil ħutna reliġjużi tal-Ordni tagħna l-ferħ tas-sema.

Jew

2. Għal ħutna li dan l-aħħar sejjaħt għal għandek (u b'mod partikolari għal N.N.):
- agħtihom is-sliem dejjiemi flimkien ma' Marija u l-qaddisin kollha.

---

[5] Cfr. Reg. 2, 12.

## FIT-TIFHIR TA' SBIĦ IL-JUM
### Il-Ġimgħa

1. Int, Mulej, tajt il-qawwa lill-martri Ġwanni Stone u Madalena ta' Nagasaki, u tant aħwa oħra sabiex jagħtu xhieda sat-tixrid ta' demmhom:
- agħti liż-żgħażagħ li jħaddnu l-ħajja reliġjuża Agostinjana l-qawwa u l-ġenerożità li jimxu warajk sal-aħħar.

Jew

1. Int li għedtilna: Il-ħsad kbir iżda l-ħaddiema ftit:
- kattar l-għadd ta' missjunarji fil-Familja Agostinjana.

2. Mulej, int li għoġbitek l-għotja sħiħa ta' tant aħwa:
- ibqa' sejjaħ illum ukoll irġiel u nisa sabiex jimxu warajk u jingħataw b'mod sħiħ.

## FL-GĦASAR
### Il-Ġimgħa

1. Int, Mulej, is-Sid tassew tal-ħsad u d-dielja:
- inqiegħdu quddiemek lil dawk kollha li int afdajt f'talbna u fil-ħarsien pastorali tagħna.

2. Mulej, għajn ta' maħfra u salvazzjoni:
- agħti lil ħutna reliġjużi mejtin l-hena ta' dejjem.

Jew

2. Mulej, li għamilt mis-salib għodda ta' fidwa:
- ilqa' fis-saltna tiegħek lil vittmi ta' vjolenza u inġustizzja, u lil dawk li jagħmlu d-deni.

**FIT-TIFHIR TA' SBIĦ IL-JUM**
**Is-Sibt**

1. Mulej, aħna nagħtu ġieħ lil Marija ommok, l-Omm tal-Konsolazzjoni:
- għat-talb tagħha agħti hena, sliem u ferħ lill-aħwa kollha tal-Familja Agostinjana.

Jew

1. Kristu, għajn ta' kull qdusija:
- agħmel li, bħal Marija, nagħrfu nwettqu dejjem ir-rieda ta' Alla.

2. Int Mulej, berikt il-Familja Agostinjana bix-xhieda ta' tant aħwa li għexu b'mod sħiħ il-ħajja komuni:
- agħmel li qatt ma ninsew li aħna msejħin nilħqu l-istess qdusija.

## FL-GĦASAR
## Is-Sibt

1. Mulej, missirijietna sejħu lil Marija bl-isem ħlejju ta' Omm tas-Sokkors:
- għat-talb tagħha agħti lill-aħwa ta' din il-komunità saħħa fil-ġisem u ħarsien fl-ispirtu.

2. O Alla, li tnebbaħ il-ħajja komuni:
- daħħal lil ħutna reliġjużi u benefatturi li waslu qabilna għandek biex igawduk fil-ħajja komuni tas-sema.

Jew

2. Mulej, li glorifikajt lill-Verġni Marija fost il-kori tal-anġli u l-qaddisin:
- daħħal fil-għadd tal-qaddisin lil ħutna reliġjużi Agostinjani mejtin.

## TALB LI GĦANDU JSIR FL-ORDNI FI ŻMIEN KAPITLU ĠENERALI

*Fi żmien Kapitlu Ġenerali, f'kull komunità fl-Ordni jingħad dan it-talb fil-Liturġija tas-Sigħat filgħodu u filgħaxija.*

† Mulej Ġesù, int wegħedt li tkun fejn tnejn jew tlieta jinġabru f'ismek:
* ħa tkun il-preżenza tiegħek fil-Kapitlu Ġenerali sabiex kollox isir f'ismek u jservi għall-ġid tal-Ordni.

Jew

† Mulej Alla, inti tqawwi lill-Knisja tiegħek bin-nar tal-Ispirtu u tmexxiha fid-dawl tiegħu:
* agħtina li, dawk li qed jieħdu sehem fil-Kapitlu Ġenerali, jitħeġġu bl-imħabba tal-Ispirtu tiegħek, sabiex kollox iseħħ skont ir-rieda tiegħek.

*Qabel l-elezzjoni tal-Pirjol Ġenerali.*
† Mulej Ġesù, int biss it-tama tagħna:
* agħtina superjur skont qalbek li jkattar fl-aħwa l-għatx għalik u jmexxi l-Ordni fit-twettiq tar-rieda tiegħek.

*Wara l-elezzjoni tal-Pirjol Ġenerali, tul il-Kapitlu.*
† Mulej Ġesù, int għamart sabiex inħobbu lil xulxin:
* bierek lil ħuna N., magħżul Pirjol Ġenerali sabiex imexxina fl-għaqda tal-imħabba tassew.

# TALB LI GĦANDU JSIR FL-ORDNI FI ŻMIEN KAPITLU PROVINĊJALI

*Fi żmien Kapitlu Provinċjali, f'kull komunità tal-Provinċja, jingħad dan it-talb fil-Liturġija tas-Sigħat filgħodu u filgħaxija.*

† Mulej Ġesù, int wegħedt li tkun fejn tnejn jew tlieta jinġabru f'ismek:
* ħa tkun il-preżenza tiegħek fil-Kapitlu Provinċjali sabiex kollox isir f'ismek u jservi għall-ġid tal-Provinċja.

Jew

† Mulej Alla, inti tqawwi lill-Knisja tiegħek bin-nar tal-Ispirtu u tmexxiha fid-dawl tiegħu:
* agħtina li, dawk li qed jieħdu sehem fil-Kapitlu Provinċjali, jitħeġġu bl-imħabba tal-Ispirtu tiegħek, sabiex kollox iseħħ skont ir-rieda tiegħek.

*Qabel l-elezzjoni tal-Pirjol Provinċjali, meta l-aħwa jirċievu l-iskedi tal-elezzjoni.*
† Mulej Ġesù, int biss it-tama tagħna:
* agħtina superjur skont qalbek, li jkattar fl-aħwa l-għatx għalik u jmexxi il-Provinċja tagħna fit-twettiq tar-rieda tiegħek.

*Wara l-elezzjoni tal-Pirjol Provinċjali, meta jinbeda l-mandat fil-Kapitlu.*

† Mulej Ġesù,
int għamart sabiex inħobbu lil xulxin:
* bierek lil ħuna N., magħżul Pirjol Provinċjali sabiex imexxina fl-għaqda tal-imħabba tassew.

## SEKWENZA TAL-ISPIRTU S-SANTU

Spirtu Santu, ejja fina,
raġġ ta' dawl qaddis agħtina,
xerrdu f'ruħna mis-smewwiet.

O Missier il-foqra tiegħek,
inti ġġib id-doni tiegħek,
tagħni b'dawlek qalb l-ulied.

Inti l-aqwa faraġ tagħna,
fik kull hena x'ħin tkun magħna,
tħossok fewġa ħelwa r-ruħ.

Fl-għejja, lejn is-serħ twassalna;
jekk imħeġġa wisq, trażżanna;
mill-għajnejn tixxotta d-dmugħ.

O dawl hieni ta' qdusija,
nitolbuk li bik mimlija,
tkun il-qalb ta' kull fidil.

Mingħajr dawlek li jmexxina
ebda ħajr ma jkun hemm fina,
ebda safa fil-għemil.

Naddaf kull fejn hemm it-tbajja',
fejn hemm nixfa reġġa' l-ħajja,
lill-miġruħ agħti l-fejqan.

Rattab fina l-ebusija,
agħti lill-berdin bżulija,
għin fit-triq lil min beżgħan.

Agħti s-seba' doni tiegħek
lil min jimxi fidil miegħek
u li fik jistrieħ kull ħin.

Agħti 'l kull virtù sabiħa
ħlas ta' salvazzjoni sħiħa;
agħti l-ġenna lit-tajbin.

Ammen.

## TALB F’ĠIEĦ L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA

### Ave Regina Coelorum

*(Antifona lill-Omm tal-Grazzja,*
*użata fl-Ordni tagħna sa minn qabel l-1284)*

† Sliem għalik t’hemm fuq Reġina
* Omm ir-Re tal-anġli kollha.
O Marija fjur tal-verġni
int bħal warda jew bħal ġilju.
Wassal talbek quddiem Ibnek,
għal ġid kollu tal-fidili. (Ż.Għ. Hallelujah)

V. Itlob għalina xebba mqaddsa tax-xebbiet.
(Ż.Għ. Hallelujah)
R. Biex ikun jisħoqqilna dak li wiegħdna Kristu.
(Ż.Għ. Hallelujah)

† Nitolbu.
Eħles nitolbuk Mulej, għat-talb tal-Imqaddsa Marija dejjem Verġni, din il-familja minn kull hemm, u mixħuta quddiemek b’qalbha kollha ħarisha bil-ħniena tiegħek mit-tiġrib tal-għedewwa. Bi Kristu Sidna.
* Ammen.

## FI TMIEM L-ATTI KOMUNI

† Nadurawk, Ġesù, u nberkuk;
* għax b'salibek, il-mewt u l-qawmien tiegħek inti fdejtna.

Jew

† O Verġni Mqaddsa Marija,
* hekk sabiħa, li Alla għażlek
biex tkun Għarusa u Omm;
hekk għammiela li d-dinja kollha
ħadet mill-frott tal-ġuf tiegħek;
il-ġnus kollha jagħrfuk bħala Omm.

Jew

† Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,
* Omm qaddisa ta' Alla:
la twarrabx minn quddiemek it-talb
li nagħmlulek fi ħtiġijietna,
u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,
o Verġni glorjuża u mbierka.

Jew

† Taħt il-ħarsien tiegħek, Marija, omm tagħna,
* nitqabdu t-taqbida t-tajba tal-fidi,
u mwettqin fit-tagħlim tal-Appostli,
nimxu 'l quddiem fiż-żgur
sakemm naslu għall-milja
tal-hena fis-sema pajjiżna.

## KANTIKU TA' MARIJA (Lq 1:46-55)

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,

għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.

Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ha ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu

bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja...

Provinċja Agostinjana Maltija,
Dar Provinċjali,
Kunvent San Mark, Triq Santu Wistin,
Rabat RBT 1117, Malta